MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 80/2003/1

**Antoine Xuereb, Francis sive Frans u Giuseppa ahwa Frendo**

**Vs**

**Raymond Bridgett**

Il-Bord ,

Ra r- rikors ta’ Antoine Xuereb et fejn jesponu bir- rispett:

Illi l- esponenti jikru lill- intimat il- fond 166, Marina Street, Pieta’, ghal skop ta’ residenza, u dan versu l- kera annwali ta’ tmienja u erghin lira Maltin (LM 48.00), pagabbli kull tlett xhur bil- quddiem, bl- iskadenza li tmiss taghlaq fl- 1 ta’ Ottubru 2003;

Illi l- intimat m’ ghandux juza’ l- fond lilu lokat, tant illi ghalekk biddel id- destinazjoni tal- fond ai termini tal- Kap 69;

Illi ghalekk tissusisti raguni valida fil- Ligi ghar- ripresa tal-istess fond;

Ghaldaqstant in vista tal- premess l- esponenti jitolbu umilment lil dan il- Bord biex fl- iskadenza li tmiss, u cioe’ fl- 1 ta’ Ottubru 2003, jew skadenza ohra skond il- kaz, jawtorizzahom jirriprendu l- pussess tal- fond numru 166, Marina Street, Pieta’ u konsegwentament jiddetermina li l-lokazzjoni tal- istess fond m’ ghandiex tiggedded favur l-intimat, u minflok jordna lill- istess intimat sabiex jivvaka u jrodd lura l- imsemmi fond lill- esponenti fi zmien qasir u perentorju li jghogbu jiffissa ghal dan l- iskop.

Ra li l- intimati debitatament notifikati la deheru qatt u lanqas qatt ipprezentaw risposta.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u id- dokumenti kollha.

Ra l- art 30 tal- Kap 69 tal- ligijiet ta’ Malta.

Jilqa it- talba tar- rikorrenti u jawtorizzhom jerghu jiehdu f’ idejhom il- fond 166, Marina Street, Pieta’ ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien minn llum; l- ispejjez jithallsu mill- intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------